*Kumitat għas-Sajd*

21.3.2024

# DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 fir-rigward tal-miri għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd, COM(2023)771 tas-6 ta' Diċembru 2023

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Pierre Karleskind

*Fil-laqgħa tax-shadow rapporteurs fid-29 ta' Frar 2024, ġie deċiż li l-President jabbozza dokument ta' ħidma, sabiex il-ħidma tal-Kumitat tad-9 leġiżlatura tista' titkompla fl-10 leġiżlatura, jekk il-Konferenza tal-Presidenti l-ġdida tiddeċiedi hekk.*[1]

Il-Kummissjoni Ewropea addottat il-proposta għal **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 fir-rigward tal-miri għall-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd** fis-6 ta' Diċembru 2023. Hija pproponiet it-tħassir tar-"regola tal-5 %" f'ċerti pjanijiet pluriennali (il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana u l-Ilmijiet tal-Punent), li jfisser it-tħassir tal-Artikoli 4(6) tar-Regolamenti (UE) 2016/1139[2] u 2018/973[3] u l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2019/472[4].

Dawn l-artikoli huma identiċi u jaqraw[5]: "*Fi kwalunkwe każ, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati b'mod li jiżgura probabbiltà ta' inqas minn 5 % li l-bijomassa riproduttiva ta' stokk jinżel inqas mill-Blim*[6]*.*"

Fil-qosor, din ir-"regola ta' 5 %" hija inkluża fil-pjanijiet pluriennali bħala parti mis-sistema ġenerali ta' regoli li tistabbilixxi miri u miżuri għall-ġestjoni fit-tul ta' ċerti stokkijiet u sajd fil-livell tal-baċiri tal-baħar. Il-Kummissjoni taqbel li din ir-regola, f'ċerti ċirkostanzi relatati mal-istatus ta' stokk ta' ħut partikolari u t-tbassir fuq terminu qasir għall-iżvilupp tal-bijomassa tiegħu, tista' tirriżulta f'sitwazzjoni li tkun inkonsistenti mar-regoli l-oħra tal-pjanijiet pluriennali, b'mod partikolari il-miżuri ta' salvagwardja li jridu jittieħdu.

## Tħassib fir-rigward tal-proċedura tal-proposta

### - Il-preżentazzjoni tal-Kumitat

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta fil-laqgħa tal-Kumitat PECH fis-7 ta' Diċembru 2023, inqas minn 24 siegħa wara l-pubblikazzjoni tagħha. Il-membri tal-Kumitat PECH sempliċiment ma kellhomx żmien biex jivvalutaw, jifhmu jew iħejju mistoqsijiet għall-

---

[1] Ara l-Artikolu 240 tar-Regoli ta' Proċedura ("Ħidma mhux mitmuma")

[2] Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007, (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1139/2020-12-01?locale=mt).

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/973/2019-08-14?locale=mt)

[4] Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1, http://data.europa.eu/eli/reg/2019/472/2019-08-14).

[5] Ara, pereżempju, l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2019/472

[6] "Blim" tfisser "*...il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva*"; ara, pereżempju, l-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) 2016/1139

preżentazzjoni tal-Kummissjoni.

**- Talba tal-Kunsill għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' urġenza**

Fl-20 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill qabel dwar mandat u ddeċieda li jitlob li l-Parlament, bl-użu ta' proċedura urġenti, japprova l-bidliet magħmula mill-Kunsill għall-proposta. Din it-talba ġiet sussegwentement innotifikata lill-Parlament fl-4 ta' Jannar 2024. Peress li r-regoli jistipulaw li tali talba għandha titressaq għall-votazzjoni fis-sessjoni plenarja li jmiss, ma kienx possibbli li tiġi organizzata diskussjoni xierqa fil-Kumitat PECH. It-talba tressqet għall-votazzjoni u ġiet miċħuda fis-16 ta' Jannar 2024.

Ħafna Membri esprimew l-importanza li jitqiesu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u li jkun hemm iż-żmien meħtieġ biex jinftiehmu l-implikazzjonijiet prattiċi tal-proposta għas-sajjieda, speċjalment is-sajjieda fuq skala żgħira u s-sajjieda rikreattivi. Il-Membri ddispjaċihom ukoll li din il-proċedura twaqqafhom milli jikkunsidraw il-feedback mill-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni li ntemmet fil-31 ta' Jannar 2024.

Jista' jiġi nnutat li aktar djalogu u konsultazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar talbiet għal proċedura urġenti kienu jkunu preferibbli. Fl-ispirtu ta' kooperazzjoni tajba, djalogu u kollaborazzjoni aħjar kienu jibnu fehim aħjar u jwittu t-triq għal ħidma aktar kostruttiva bejn l-istituzzjonijiet dwar din il-kwistjoni.

**- Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-opinjoni tal-KESE**

Il-Kummissjoni nediet, *wara l-adozzjoni tal-proposta,* konsultazzjoni pubblika li kienet miftuħa sal-31 ta' Jannar 2024. Il-konklużjoni tal-konsultazzjoni ntbagħtet lill-Parlament fil-15 ta' Frar 2024 fil-forma ta' ittra.

Abbażi tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika[7], tliet rispondenti li jirrappreżentaw is-settur tas-sajd u tal-ipproċessar appoġġjaw il-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li l-20 rispondent li jifdal ma appoġġjawx il-proposta, ħafna minnhom talbu lill-Kummissjoni tirtira l-proposta. Is-sħubija tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku hija maqsuma fuq l-istess linji. Ir-rispondenti li jirrappreżentaw l-NGOs/l-organizzazzjonijiet ambjentali qiesu li minflok ma titħassar ir-"regola tal-5 %" id-dispożizzjoni għandha tiġi modifikata biex jiġu stabbiliti regoli aktar ċari u aktar stretti. Huma esprimew ukoll dispjaċir li l-proposta ma kinitx akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt komprensiva.

Fis-17 ta' Jannar 2024, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni obbligatorja tiegħu, li tappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni[8].

**<u>Tħassib u mistoqsijiet fir-rigward tal-kontenut tal-proposta</u>**

[7] Ara s-sit web tal-Kummissjoni "Semma' leħnek": https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14057-Fisheries-correction-to-multiannual-plans/feedback_mt?p_id=32435157

[8] https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/targets-fixing-fishing-opportunities

**- L-għan tar-"regola tal-5 %"**

Il-pjanijiet pluriennali jistabbilixxu miri u miżuri għall-ġestjoni fit-tul ta' ċerti stokkijiet u sajd fil-livell tal-baċiri tal-baħar, inklużi salvagwardji u azzjonijiet ta' rimedju fejn meħtieġ. Barra minn hekk, il-pjanijiet pluriennali jipprevedu flessibbiltà billi jippermettu l-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd f'medda bbażata fuq il-parir tal-ICES.
Ir-"regola tal-5 %" ġiet inkluża biex tiġi attivata sabiex jiġu ssalvagwardjati l-istokkijiet li jinsabu fi stat tant ħażin li, mill-perspettiva tal-ġestjoni tas-sajd, jeħtieġ li jittieħdu passi urġenti biex dawn l-istokkijiet ma jiġux ipperikolati aktar. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tiċċara aktar il-proposta u l-objettivi sottostanti tagħha rigward it-tneħħija tal-Artikoli 4(6) u 4(7) fil-pjanijiet pluriennali rispettivi biex tifhem bis-sħiħ kif l-azzjonijiet li jappoġġjaw l-irkupru tal-istokkijiet jenħtieġ li jsiru b'modi oħra.

**- Implikazzjonijiet soċjoekonomiċi**

Il-Kummissjoni targumenta li l-applikazzjoni tar-regola tal-5 % tista' tirriżulta f'sitwazzjoni li tkun inkonsistenti mar-regoli l-oħra tal-pjanijiet pluriennali li jirregolaw l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd u li jkollha implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi.

Il-Politika Komuni tas-Sajd tistipula li jeħtieġ li nqisu t-tliet pilastri tas-sostenibbiltà (jiġifieri dawk ambjentali, ekonomiċi u soċjali). Minn naħa, din ir- "regola tal-5 %" tista' tkun fattur addizzjonali tal-volatilità tat-TAC u xxekkel il-kapaċità tas-settur tas-sajd li jinvesti u jippjana għall-futur tiegħu. Min-naħa l-oħra, kif imsemmi mill-Università ta' Stokkolma, ir-riżultat ta' kwoti għoljin mhux sostenibbli huwa "stokkijiet tal-ħut eżawriti fit-tul u qligħ baxx għas-sajjieda"[9].

**- Kundizzjonijiet ekwivalenti tal-kompetizzjoni**

Jeħtieġ ukoll li nżommu f'moħħna **l-kwistjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti**. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bħan-Norveġja u r-Renju Unit fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq is-sajd għal stokkijiet kondiviżi hija essenzjali sabiex il-miżuri jkunu suffiċjenti u effettivi. Jista' jitqies li l-UE għandha opportunità akbar li tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv ma' pajjiżi terzi biex tikseb miżuri effettivi marbuta mal-Artikolu 5, aktar milli projbizzjoni sħiħa kif previst fl-Artikoli 4(6) jew 4(7).

**- Valutazzjoni tal-impatt**

Huwa ta' tħassib li ma saritx valutazzjoni tal-impatt qabel l-adozzjoni tal-proposta mill-Kummissjoni u li ma ntalbet l-ebda valutazzjoni xjentifika pereżempju mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-konsegwenzi ta' tħassir tas-salvagwardja għall-istokkijiet tal-ħut.
Tali valutazzjoni tal-impatt għandha tqis ukoll l-importanza li jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti, speċjalment fir-rigward tar-relazzjoni tagħna ma' pajjiżi terzi bħan-Norveġja u r-Renju Unit.

---

[9] https://www.su.se/stockholm-university-baltic-sea-centre/news/the-commission-wants-to-remove-the-5-rule-for-baltic-sea-fisheries-1.697370#:~:text=Paragraph%204.6%20and%20the%20%225,the%20collapse%20of%20fish%20stocks

**- Salvagwardji oħra**

Il-Kummissjoni u ċerti partijiet ikkonċernati huma tal-fehma li elementi oħra tal-pjanijiet pluriennali huma biżżejjed biex jipproteġu l-istokkijiet tal-ħut, pereżempju fl-Artikoli 5, 7 u 8 fil-pjanijiet pluriennali rispettivi. Dawk l-Artikoli jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri ta' rimedju u ta' salvagwardja li l-Istati Membri jistgħu jużaw, pereżempju, biex iwaqqfu l-attivitajiet tas-sajd għal perjodu ta' żmien stabbilit jew biex iżidu l-ossiġenu f'żoni mejta.

F'dan ir-rigward huwa importanti li jingħataw aktar spjegazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar ir-rabtiet bejn ir-"regola tal-5 %" (l-Artikoli 4(6) u 4(7) fil-pjanijiet pluriennali) u s-salvagwardji l-oħra (l-Artikoli 5, 7 u 8 fil-pjanijiet pluriennali rispettivi), speċjalment fid-dawl li dawn is-salvagwardji l-oħra japplikaw biss meta l-istokk ikun diġà taħt il-Blim. Jista' jitqies li t-tħassir propost tad-dispożizzjonijiet għalhekk jista' jmur kontra l-prinċipju ta' prekawzjoni li huwa pilastru fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-kunċett ta' sostenibbiltà li jipprevjeni spejjeż sussegwenti, kemm ambjentalment kif ukoll ekonomikament.

**- L-impatt fuq in-negozjati dwar il-qabdiet totali permissibbli**

In-negozjati dwar it-TAC u l-kwota għas-sena d-dieħla ser jibdew din il-ħarifa. Jekk ir-reviżjoni tat-tliet pjanijiet pluriennali ma tiġix iffinalizzata qabel dak iż-żmien, tkun prevista ripetizzjoni tas-sitwazzjoni tas-sena l-oħra. Xi Membri jissottolinjaw li l-parir xjentifiku tas-sena l-oħra mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar dwar l-aringa tal-Baltiku Ċentrali u l-lingwata ta' Skagerrak għamel referenza għar-"regola tal-5 %", iżda bl-ebda mod ma taw parir li jingħalaq is-sajd immirat. Għandu jitfakkar li l-ftehimiet kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd huma **bbażati fuq parir xjentifiku mill-ICES**, irrispettivament minn jekk din ir-regola titneħħiex jew le.

<u>**Kunsiderazzjonijiet għall-ħidma 'l quddiem**</u>

Biex din il-proposta timxi 'l quddiem, huwa ċar li aktar informazzjoni u kjarifika dwar l-implikazzjoni tal-proposta huma importanti.

L-istabbiltà, il-prevedibbiltà u s-sostenibbiltà għas-sajjieda tagħna huma kollha aspetti importanti ħafna sabiex l-attività tagħhom tkun kemm ambjentalment kif ukoll ekonomikament sostenibbli. Għalhekk ikun importanti li jiġi kkunsidrat approċċ usa' għal din il-kwistjoni, inkluż li jiġu kkunsidrati għażliet alternattivi biex jinkisbu l-istess objettivi kif stabbiliti mill-proposta.

Dawn l-għażliet alternattivi jistgħu jinkludu reviżjoni usa' tal-pjanijiet pluriennali, jew reviżjoni usa' ta' kif jiġu deċiżi l-opportunitajiet tas-sajd, bħall-inklużjoni ta' kwoti pluriennali. Meta jitqies li l-proposta tfittex biss li tindirizza problemi li f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jidhru, ikun tajjeb li jiġu kkunsidrati għażliet li jindirizzaw speċifikament dawn iċ-ċirkostanzi minflok ma tipproponi tħassir sempliċi.

Ta' min jinnota li dan ir-regolament ġie propost mill-Kummissjoni wara d-deċiżjoni mill-Kunsill li tinjora r-"regola tal-5 %", li wasslet għal ksur ta' regolament tal-Parlament u tal-Kunsill.

Se jkun f'idejn il-Kumitat PECH fil-mandat il-ġdid li jikkunsidra l-ispjegazzjonijiet u l-feedback ulterjuri mogħtija mill-Kummissjoni u mill-partijiet ikkonċernati kollha u f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Parlament biex jikkunsidra liema proċedura tkun l-aktar xierqa biex tapplika għal dan il-fajl.